DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ġunju 2012

li taħtar il-membri tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Orfni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 182/05)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini tal-1 ta' Frar 2012,

Billi:

(1) Il-mandat ta' erba' membri tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinal Orfni, minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat", stabbilit skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 141/2000, jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2012. Membru tal-Kumitat li se jiskadilu l-mandat inħatar mill-Kummissjoni abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. Tliet membri oħra li se jiskadilhom il-mandat inħatru mill-Kummissjoni biex jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti. Għaldaqstant, jeħtieġ li jinħatru erba' membri fil-Kumitat.

(2) L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini rrakkomandat persuna għall-ħatra.

(3) Il-membri tal-Kumitat għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet snin li jibdew fl-1 ta' Lulju 2012,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-persuni segwenti qegħdin b'hekk jerġgħu jinħatru membri tal-Kumitat biex jirrappreżentaw lill-organizzazzjonijiet tal-pazjenti għal terminu ta' tliet snin, mill-1 ta' Lulju 2012:

Is-Sinjura Lesley Claire GREENE,

Is-Sinjura Birthe BYSKOV HOLM,

Dr Marie Pauline EVERS.

Artikolu 2

Fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, il-persuna segwenti qiegħda b'hekk tinħatar membru tal-Kumitat għal terminu ta' tliet snin, mill-1 ta' Lulju 2012:

Dr Catherine MORAITI.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1.